MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI GENERALI)

**MAGISTRAT DR.
JOSETTE DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 11/2011

**Lawrence Zammit Haber**

**Vs**

**Elizabeth Everett
Raymond Zammit Haber**

Il-Qorti,

Rat li fir-rikors guramentat l-attur ippremetta hekk:

Illi zijuh Francesco Luciano Zammit Haber, bin il-mejtin Lorenzo Zammit Haber u Carmela nee' Scicluna miet guvni u *mprole* fl-ghaxra (10) ta' Jannar elfejn u sitta (2006), u rregola l-wirt tieghu permezz ta' tliet testmenti fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo wiehed tad-disgha u ghoxrin (29) ta' April elf disa' mija u tmienja u disghin

(1998) kif sussegwentement gie modifikat b'zewg testmenti ohra fl-atti tal-istess Nutar Dottor Michael Refalo tat-tmintax (18) ta' Jannar elfejn (2000), u tal-hmistax (15) ta' Frar elfejn u wiehed (2001);

Illi permezz ta' dawn it-testmenti hawn fuq imsemmija, id-*decujus* halla diversi legati lir-rikorrent, fosthom hallielu in pjena proprjeta' id-dar numru tnejn (2), Pjazza San Gwann il-Battista, Xewkija, Ghawdex,li kienet ir-residenza tad-*decujus,* bl-ghamara u l-oggetti kollha mobbli, inkluzi kotba, dokumenti, flus kontanti, titoli li jirrapprezentaw flus, oggetti tad-deheb, fidda, u hagar prezzjuz, u kull haga ohra illi fl-epoka tal-mewt tieghu jkunu jinsabu fl-istess dar [ara it-Tieni Artikolu tat-testment li sar mid-*decujus* fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tat-18 ta' Jannar 2000], u nnomina bhala eredi universali tieghu lin-neputijiet kollha tieghu wlied huh John Elia Zammit Haber, ad eccezzjoni tal-konvenuta Joan Zammit Haber, u cioe' lir-rikorrent u lil hutu l-ohra Patricia Fenech mart Raymond, John, Zakkarija, u l-konvenuti l-ohra Raymond u Elizabeth Everett mart Philip, ahwa Zammit Haber, u b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tad-disgha (9) ta' Jannar elfejn u sebgha (2007), ir-rikorrent gie mmess fil-pussess tal-legati kollha li gew imhollija lilu mid-*decujus,* inkuz ghalhekk il-legat meritu ta' dan ir-rikors, mill-eredi kollha tad-*decujus* ad eccezzjoni tal-konvenuti Raymond Zammit Haber u Elizabeth Everett, li baqghu sallum ma resqux biex issir l-immissjoni tal-legati minkejja li kienu gew interpellati ghal dan il-fini kemm verbalment u wkoll b'ittri ufficjali tal-21 ta' Ottubru 2008 [ittra numru 645/08 u 646/08 li gew debitament innotifikati lilhom];

Illi r-rikorrent irid li jigi mmess fil-pussess ta' dan il-legat partikolari mill-intimati, imholli lilu bit-testment fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tat-18 ta' Jannar 2000;

Illi fost il-flus u t-titoli li jirraprezentaw flus li gew imhollija lir-rikorrent, id-*decujus* kellu depoziti u nvestimenti fil-banek lokali u kumpaniji ohra pubblici llistjati fil-Borza ta' Malta, li l-konsistenza u dettalji ohra taghhom jirrizultaw dettaljatament fil-kors tal-kawza;

L-attur talab ghalhekk lil din il-Qorti:

1. tordna u tikkundanna lill-konvenuti Raymond Zammit Haber u Elizabeth Everett bhala eredi tal-mejjet Francesco Luciano Zammit Haber li baqghu ma mmittewx lir-rikorrenti fil-pussess tal-legat tad-dar numru tnejn (2), Pjazza San Gwann il-Battista, Xewkija,Ghawdex, li kienet ir-residenza tad-*decujus,* u wkoll tal-ghamara u tal-oggetti kollha mobbli fl-istess dar, inkluzi l-kotba, dokumenti, flus kontanti, titoli li jirraprezentaw flus, oggetti tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz, u tal-hwejjeg l-ohra kollha li jinsabu fl-istess dar fl-epoka tal-mewt tad-*decujus* komprizi fil-legat, li l-konsistenza taghhom tirrizulta ahjar fil-kors tal-kawza;

2. tiffissa d-data, hin, u lok, u tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv ta' immissjoni fil-pussess tal-legat imsemmi, minn dawn iz-zewg konvenuti, u tinnomina kuratur sabiex jidher ghall-eventwali kontumacja tal-konvenuti Raymond Zammit Haber u Elizabeth Everett, jew ta' xi hadd minnhom fuq il-kuntratt;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nkluzi dawk tal-ittri ufficjali numru 645/08 tal-21 ta' Ottubru 2008, 646/2008 ukoll tal-21 ta' Ottubru 2008.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharrkin.

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenuti li permezz taghha eccepew:

1. Illi huma qatt m'opponew ghall-immissjoni fil-pussess tal-legati mhollija lill-attur minn zijuhom Francesco Luciano Zammit Haber purke' huwa jimmittihom ukoll fil-pussess tal-legati mhollija lilhom mill-imsemmi Francesco Luciano Zammit Haber u minn ohtu Agnese Zammit Haber u jaghti rendikont tal-flus kollha li l-attur rcieva mill-kirjiet, qbiela u cnus tal-proprjeta' li wirtu l-partijiet u li ghadha in komun wara l-mewt ta' l-imsemmija Francesco Luciano Zammit Haber u ta' ohtu Agnese Zammit Haber kif ukoll jaghti rendikont shih tal-

proprjetajiet kollha tal-eredita’ ta’ l-imsemmija Francesco Luciano Zammit Haber u ta’ ohtu Agnese Zammit Haber.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li l-konvenuti kienu ressqu kontro-talba u li l-attur ressaq ir-risposta guramentata ghall-istess.

Rat li permezz ta’ sentenza in parte moghtija fit-8 ta’ Gunju 2012 din il-qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni ta’ l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuti u ghaldaqstant cahdet it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti, bl-ispejjez kontra taghhom.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-attur. Il-konvenuti baqghu ma pprezentaw l-ebda nota ta’ sottomissjonijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob li jigi mmess fil-pussess ta’ legat partikolari li thalla lilu minn Francesco Luciano Zammit Haber li kien zijuh patern li miet guvni u *improle.* Huwa rregola l-wirt tieghu permezz ta’ tliet testmenti. Huwa miet fl-10 ta’ Jannar 2006.

F’dawn it-testmenti id-*decujus* halla diversi legati lill-attur (u anki lill-konvenuti u ahwa ohra tal-partijiet) u nnomina bhala eredi universali tieghu lin-neputijiet tieghu ossija lill-attur innifsu, liz-zewg konvenuti odjerni u lil Patricia Fenech, John u Zakkarija Zammit Haber, ad eccezzjoni ta’ Joan Zammit Haber.

Permezz tat-testment tat-18 ta’ Jannar 2000 fost id-diversi legati thalliet lill-attur in pjena proprjeta’ d-dar numru 2, Pjazza San Gwann il-Battista, Xewkija, Ghawdex bl-ghamara u l-oggetti kollha mobbli, inkluzi kotba, dokumenti, flus kontanti, titoli li jirrapprezentaw flus,

oggetti tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz, u kull haga ohra li fl-epoka tal-mewt tieghu jkunu jinsabu fid-dar.

Jirrizulta mill-atti li hutu Patricia Fenech, John u Zakkarija mmittewh fil-pussess tal-legati kollha permezz ta' kuntratt tad-9 ta' Jannar, 2007 in atti Nutar Michael Refalo.

Il-konvenuti odjerni nonostante li gew interpellati mill-attur sabiex jimmettuh fil-pussess tal-legati huma rrifjutaw. Infatti jirrizulta li kien baghtilhom ittra ufficcjali kull wiehed.

Illi l-konvenuti eccepew li huma qatt ma opponew ghall-immissjoni fil-pussess tal-legati purche' huwa jimmittihom ukoll fil-pussess tal-legati mhollija lilhom minn zijuhom u ohtu Agnese Zammit Haber u jaghti rendikont tal-flus kollha li huma jsostnu li huwa rcieva mill-kirjiet, qbiela, u cnus tal-proprjeta' li wirtu l-partijiet u li ghadha in komun kif ukoll jaghti rendikont shih tal-proprjetajiet kollha tal-eredita' ta' Francesco u Agnese Zammit Haber.

Illi l-azzjoni attrici hija bbazata fuq l-artikolu 726 tal-Kodici Civili li jghid hekk:

726. (1) Il-legatarju ghandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-haga mhollija legat.

(2) Fil-kaz ta' beni mmobbli l-legatarju jista' jitlob li l-ghoti ta' dak il-pussess isir permezz ta' att pubbliku.

(3) Kemm-il darba t-testatur ma jkunx iddispona xort'ohra, l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-att ghandhom jithallsu mil-legatarju.

Inoltre skond l-artikolu 845, l-azzjoni biex jintalab legat tispicca bl-gheluq ta' ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni.

Dwar il-legat u n-necessita' o meno li jkun hemm immissjoni fil-pussess inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Vella et vs Portelli et**[1]

[1] Rik Nru: 12/2008AE deciza fl-24 ta' Gunju 2008

*'Hu maghruf li "la proprieta' libera del legato appartiene al legatario dal di della morte del testatore, egli e' parificato ai creditori della eredita'……" (**Nobile Elena Mallia Tabone vs Maria Teresa Segon ed altri** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 1911 – Vol. XXI.ii.324). Fil-kawza fl-ismijiet: **Ir-Reverendu Patri Frangisku Azzopardi nomine vs Maria Hilda sive Hilda Cauchi** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili*[2] *fl-14 ta' Ottubru 2004 inghad: "Sakemm ma jottjeniex minghand l-eredi (jew l-ezekutur testamentarju) ir-rilaxx tal-oggett legat, il-legatarju ma jistax jiehu pussess ta' dak il-legat. Qabel ma jottjeni dan ir-rilaxx, il-legatarju jkun proprjetarju, izda d-dritt tieghu ta' proprjeta' ikun dritt astratt, fis-sens li ma jkollux il-jedd li jezercitah. Id-dritt tal-legat hu dritt ta' proprjeta', izda jibqa' dritt incert u suggett ghall-kontestazzjoni sakemm ma jigix immiss fil-pussess (ara Laurent "Diritto Civili", Vol. XIV para. 21 et seq)."*

Illi imbaghad fis-sentenza **Axiak vs Axiak**[3] insibu li:

*"Hu pacifiku li:-*

*(a) Meta hemm ko-werrieta, l-immissjoni fil-pussess tal-legat trid issir minn kull wiehed mill-werrieta, u dan fir-rigward tal-porzjonijiet li l-legatarju jkollu jircievi minghand il-kowerrieta (ara **Ronaldo Wismayer vs Mario Wismayer** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Marzu 1946 - Vol. XXXII.ii.264)*[4]*.*

*(b) Qabel issir l-immissjoni fil-pussess, il-legatarju m'ghandux id-disponibilita' shiha tal-oggett imholli lilu*

---

[2] Per Imhallef Tonio Mallia

[3] Rik Nru: 12/2009AE deciza fis-26 ta' Mejju 2009

[4] Fis-sentenza fl-ismijiet **George Cutajar et vs Concetta Abela,** Rik Nru: 1250/08JZM deciza fl-14 ta' Lulju, 2011 inghad li "Meta l-legatarju jkun wiehed mill-eredi, il-formalita` tat-talba ghall-immissjoni fil-*pussess hija dejjem mehtiega ghall-porzjonijiet li l-legatarju ghandu jiehu minghand il-koeredi.* ("**L-Onor. Mhallef Dottor Alberto J. Magri et v. Mariella Borg Magri**" Citaz. Nru: 701/00 deciza mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta` Gunju 2005 u "**Rinaldo Wismayer v. Mario Wismayer**" deciza mill-Prim` Awla

tal-Qorti Civili fl-14 ta` Marzu 1946, Kollezz. Vol. XXXIIC -ii - 264).

*b'legat (**Maurice Busuttil vs Joseph Meli** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998).*

*(c) It-testatur li jhalli "l-uzufrutt generali tal-beni tieghu kollha mobbli u immobbli" jkun qieghed jiddisponi b'legat partikolari[5]. F'dan il-kaz ukoll trid issir l-immissjoni fil-pussess, b'dan li l-pussess jista' jkun b'kwalsiasi mod iehor rilaxxat (ara **Vincenza Cassar vs Herbert L.W. Hare nomine** deciza fid-19 ta' Novembru 1923 – Volum XXV.i.659).*

*L-awtur Marcade'[6] isostni: "La necessita di ottenere il rilascio e' una regola fondamentale del sistema di successione testamentaria, e' una legge d'ordine pubblico che impedisce il legatario di impadronarsi da se stess della cosa legata..... segue da cio che la dispensa che ne ordinasse il testatore non sarebbe valida, e se la cosa legata si trovasse nelle mani di un terzo, il legatario, benche' ne fosse proprietario, non potrebbe rivendicarla prima di domandarne il rilascio all'erede.".*

L-istess qorti kompliet hekk:

*"F'dan ir-rigward jigi rilevat li:-*

*(a) Mal-mewt tat-testatur, il-pussess ighaddi ipso jure ghand il-werrieta tieghu. Wiehed jista' jghid li din hi finzjoni legali, fis-sens li l-werrieta huma prezunti li jippossjedu l-beni li l-mejjet kellu fiz-zmien il-mewt, u dan anke jekk l-eredi ma hax materjalment il-beni taht idejh. Ghalhekk il-werrieta ghandhom il-pussess legittimu; "Il-pussess ta' hwejjeg il-mejjet ighaddi, bis-sahha tal-ligi, b'mod ta' kontinwazzjoni, fil-werriet, sew jekk testamentarju jew legittimu, bl-obbligu li jhallas il-pizijiet kollha tal-wirt." (Artikolu 836 tal-Kodici Civili); "In primo luogo gli eredi, essendo impossessati di pieno diritto del possesso civile*

---

[5] Fil-kawza **Michele Azzopardi proprio et nomine vs Antonia Mangion et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Novembru 1946 (Vol. XXXII.ii.423) gie konfermat li *"anki l-uzufruttwarju ghat-titolu universali huwa legatarju u mhux eredi."*.

[6] Spiegazione Teorico Pratico del Codice Napoleone (1875) Volum VI, pagna 109.

*dei beni ereditarii, possono apprendere questi beni di loro autorita'; **al possesso del diritto, essi possono aggiungere il possesso di fatto, che permettera' loro di amministrare i beni ereditari.**" (Trattato di Diritto Civile, Delle Successioni, G. Baudry-Lacantinerie Vol. I pagna 119). L-awtur Laurent jikkonferma li **"La necessita' d'una domanda di rilascio e' una conseguenza del possesso di diritto."**[7]*

*(b) Il-fatt li jista' jkun li l-werrieta m'ghandhomx il-pussess materjali tal-beni, ma jfissirx li ma tistax issir l-immissjoni fil-pussess lill-legatarju. M'hemmx dubju li f'tali cirkostanzi ma tkunx tista' ssir il-konsenja fizika tal-beni. L-argument tal-konvenut jaghti wiehed x'jifhem li ghalih l-immissjoni fil-pussess hi l-konsenja materjali tal-oggett lil-legatarju. F'dan il-kuntest hi rilevanti l-kawza fl-ismijiet **Rinaldo Wismayer vs Mario Wismayer nomine** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Marzu 1946 (Volum XXXII.ii.264) fejn l-oggett ma kienx fil-pussess materjali tal-werrieta. Il-qorti osservat li t-talba ghall-immissjoni fil-pussess kienet legittima, "....ghaliex fi kwalunkwe kaz it-talba tal-pussess ghandha ssir fil-konfront tal-eredi jew tal-eredita', bhala dawk jew dik li ghandhom il-pussess legittimu; **anki jekk ma ghandhomx il-pussess materjali**, konformement ghall-art. 763 li jsemmi l-werriet bhala dak li lilu ghandha ssir it-talba.". Kompliet izzid, "it-talba tal-prestazzjoni effettiva ghalhekk ma tistax tigi provduta, fin-nuqqas tal-kontradittur taghha, li huma dawk li fil-fatt qeghdin fil-pussess ta' l-oggett tal-prelegat: salva kull azzjoni ohra ta' l-attur.".*

*(c) Fil-kawza* **Agnes Borg vs Charles Zammit et** *deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili7 fl-20 ta' Mejju 2004, gie osservat: **"....l-fatt li l-attrici jista' gia ghandha l-pussess fiziku ta' wiehed mill-fondi, ma jcahadix mid-dritt li titlob l-immissjoni fil-pussess formali li, trattandosi ta' hwejjeg immobbli, trid issir b'att pubbliku."**.*

[7] *Principi di Diritto Civile, Volum XIV pagna 33*.

*(d) Normalment l-immissjoni fil-pussess issir permezz ta' att pubbliku, ghalkemm hu accettat li tista' issir tacitament (**Carmela Sammut vs Avukat Dr Giuseppe Sacco nomine** deciza fil-21 ta' Mejju 1955 mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) – Vol. XXXIX.i.473).*

*(e) L-Artikolu 732(1) tal-Kodici Civili jipprovdi: "Jekk qabel it-testment, jew wara, il-haga mhollija legat tkun giet imghobbija b'uzufrutt, b'renta, jew b'piz iehor perpetwu jew temporanju, **il-legatarju jehodha bil-piz li jkun hemm fuqha.**". Minn dan il-provvediment hu car li oggett imholli b'legat u mghobbi b'uzufrutt, xorta tista' ssir l-immissjoni fil-pussess tieghu bil-piz li jkollu fuqu".*

Meta hemm ko-eredi, l-immissjoni fil-pussess tal-legat trid issir minn kull wiehed mill-eredi, u dan fir-rigward tal-porzjonijiet li l-legatarju jkollu jircievi minghand il-ko-eredi[8].

Huwa maghruf ukoll li qabel issir l-immissjoni fil-pussess, il-legatarju
m`ghandux id-disponibilita` shiha tal-oggett imholli lilu b`legat[9].

Illi a bazi ta' tali gurisprudenza jinghad li l-proprjeta' libera tal-legat tappartjeni lil-legatarju sa mill-gurnata tal-mewt tat-testatur. Bhala kreditur tal-wirt, l-oggett ma jkunx f'idejh qabel ma jinghata pussess tal-oggett tal-kreditu. L-immissjoni tista' tinghata jew espressament jew tacitament. Meta wiehed jitkellem dwar immissjoni tacita jkun qieghed jirreferi ghal meta l-legatarju jiehu pussess materjali ta' l-oggett u l-eredi ma jaghmilx opposizzjoni.

Illi bhala konsistenza tal-legat li tieghu l-attur qieghed jitlob li jigi mmess fil-pussess tieghu, fl-affidavit tieghu spjega hekk:

---

[8] **Ronaldo Wismayer vs Mario Wismayer** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta` Marzu 1946 –

Vol. XXXII.ii.264.

[9] **Maurice Busuttil vs Joseph Meli** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta` Ottubru 1998.

*“Id-dar li z-ziju hallieli fil-pjazza tikkonsisti f’kantina u tliet sulari ‘l fuq mit-triq. Qed nesebixxi l-pjanti taghha li qed jigu markati minn C sa H.*

*Fid-dar kien hemm ukoll l-ghamara. Fil-pjan terran kien hemm sett tal-pranzu tal-kawba bil-mejda u sitt siggijiet u bil-vetrina li fiha kien hemm ukoll pozati tal-fidda u xi fajjenza antika tal-hgieg; fil-kcina kien hemm bank tal-formajka b’mejda u erba’ siggijiet; fil-librerija kien hemm zewg vetrini antiki tal-kawba b’kotba go fihom, skrivanija, pittura, u xi xkaffar mimlija bil-kotba; kabinett; u zewg kmamar zghar li kellhom sodda go fihom li fl-ahhar zmien ta’ hajjithom iz-zijiet kienu jorqdu fihom. Taht it-tarag kien hemm sufan tal-gilda u zewg gradenzi, wahda antika u l-ohra tac-chip board. Fl-entrata kien hemm erba’ siggijiet antiki u zewg gastri tal-irham. Fl-ewwel sular kien hemm zewgt ikmamar tas-sodda b’ghamara tas-sodda antika u fis-sala kien hemm sufan tad-drapp, sitt siggijiet, sottospecchio, pjanu, u kwadri u pitturi mal-hitan. Fil-pjan tat-tarag kien hemm ukoll grand father’s clock. Fit-tielet sular hemm kamra kbira li fiha ma kien hemm ebda ghamara.*

*Iz-ziju kellu kollezzjoni ta’ bolol antiki ta’ Malta kif ukoll ta’ muniti ta’ flus ta’ Malta u xi ftit ta’ barra, kellu wkoll registri bl-arbli tar-razza tal-familji billi kien mfittex sew m’Ghawdex kollu bhala ricerkatur tal-arbli tar-razza. Din ir-ricerka tmur lura sahansitra ghas-sena 1650, u kienet inbdiet minn nannuhi Lorenzo Zammit Haber. Kellu wkoll ir-registri tal-hlas tal-qbejjel u cnus li kien jigbor mir-raba’ u proprjeta’ ohra tal-familja.”*

Dwar tali xhieda ma saret l-ebda kontestazzjoni.

Mix-xhieda prodotti jirrizulta li fl-epoka tal-mewt tieghu Francesco Zammit Haber kellu wkoll is-segwenti:

- 5 kontijiet mal-Bank of Valletta plc[10] li fit-18 ta’ Jannar 2013 kien fihom:

[10] Dok JA1 a fol. 286 tal-process

- o Term Account – 12408956016 - €4,729.95
- o Term Account – 12408956032 - €10,543.07
- o Term Account – 12408956058 - €6,220.34
- o Term Account – 40011027663 - €4,985.19
- o Savings Account – 17600169017 - €9, 785.39

▪ 2 kontijiet mal-HSBC Bank Malta plc[11]:

o Kont savings – 071-049191-050 li sa dakinhar tax-xhieda tar-rapprezentant tal-bank kien fih €4,366.23
o Kont fiss – 071-049191-100 li sa dakinhar tax-xhieda tar-rapprezentant tal-bank kien fih €12,886.62.

▪ Kellu wkoll ishma tal-BOV li qatt ma gew trasferiti lil hadd izda li wara mewtu baqghu jizdiedu. Mix-xhieda ta' Robert Sammut[12] irrizulta li kellu 1,457 ishma[13] u 299 ishma[14] ohra.

Illi ghalkemm fir-risposta guramentata taghhom il-konvenuti bdew billi sostnew li huma qatt ma opponew l-immissjoni fil-pussess irrizulta proprju l-kuntrarju partikolarment mix-xhieda ta' l-istess Elizabeth Everett.

Hekk kif qal l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-konvenuti rabtu l-kunsens taghhom ma' diversi kundizzjonijiet. Fl-ewwel lok rabtu l-kunsens taghhom ma' li l-attur jimmettihom ukoll fil-pussess tal-legati mhollija lilhom miz-zewg zijiet taghhom. Ma rrizultax li l-attur qatt oppona li jimmettihom fil-pussess tal-legati mhollija lilhom.

Oltre' dan huwa evidenti li l-istess konvenuti qeghdin jorbtu l-immissjoni fil-pussess tal-legat ma' kwistjonijiet ohra ossija (i) li jaghtihom rendikont shih tal-flus kollha li l-attur ircieva mill-kirjiet, qbiela u cnus tal-proprjeta' li wirtu l-partijiet u li ghadha in komun bejniethom wara l-mewt taz-zijiet taghhom u (ii) li jaghtihom rendikont shih tal-proprjetajiet kollha tal-eredita' taz-zijiet taghhom.

---

11 Xhieda ta' Mario Galea fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2012 a fol210 tal-process
12 A fol. 220 tal-process
13 Dok RS1 a fol 224 tal-process
14 Dok RS2 a fol 225 tal-process

Fix-xhieda taghha Elizabeth Everett regghet semmiet dwar il-kirjiet, qbiela u cnus u tghid li l-attur ghandu jaghtiha xi flus. Rigward l-immissjoni fil-pussess xehdet li jekk ghandu jkun hemm immissjoni fil-pussess ghandu jkun hemm fuq kollox u mhux toqghod titla' l-qorti fuq kull bicca. S'intendi dejjem tinsisti li l-attur min-naha tieghu jrid jimmettiha wkoll fil-pussess tal-legati taghha.

Fil-fehma tal-qorti m'hemm l-ebda raguni valida skont il-ligi ghalfejn il-konvenuti baqghu ma mmittewx fil-pussess tal-legat lill-attur. Jinghad hawnhekk li ghalkemm l-attur ghandu c-cavetta tad-dar inkwistjoni xorta ma jistax jinghad li l-kawza giet prezentata kapriccozament ghax kif inghad mill-gurisprudenza meta jkun hemm ko-eredi l-immissjoni trid issir minn kull eredi. Oltre' dan irrizulta li l-attur ma kellux ghad-disposizzjoni l-kontijiet bankarji. Ghaldaqstant l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-istess konvenuti.

Ghal dawn il-motivi din il-qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici billi:

1. tordna u tikkundanna lill-konvenuti Raymond Zammit Haber u Elizabeth Everett bhala eredi tal-mejjet Francesco Luciano Zammit Haber li baqghu ma mmittewx lill-attur fil-pussess tal-legat tad-dar numru tnejn (2), Pjazza San Gwann il-Battista, Xewkija,Ghawdex, li kienet ir-residenza tad-*decujus,* u wkoll tal-ghamara u tal-oggetti kollha mobbli fl-istess dar hekk kif deskritti fil-korp ta' din is-sentenza, inkluzi l-kotba, dokumenti, flus kontanti, titoli li jirraprezentaw flus, oggetti tad-deheb, fidda, u hagar prezzjuz u l-kontijiet bankarji fuq imsemmija kif ukoll l-ishma, u tal-hwejjeg l-ohra kollha li kienu jinsabu fl-istess dar fl-epoka tal-mewt tad-*decujus* komprizi fil-legat sabiex jimmettuh fil-pussess;

3. Tinnomina lin-Nutar Dr Enzo Refalo sabiex jippubblika l-att relattiv ta' immissjoni fil-pussess tal-legat imsemmi, minn dawn iz-zewg konvenuti nhar il-Gimgha 1 ta' Novembru 2013 f'12.00p.m. fil-bini tal-qorti, u

tinnomina lill-avukat Dottor Angele Formosa kuratur sabiex tidher ghall-eventwali kontumacja tal-konvenuti Raymond Zammit Haber u Elizabeth Everett, jew ta’ xi hadd minnhom fuq il-kuntratt;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nkluzi dawk tal-ittri ufficjali numru 645/08 tal-21 ta’ Ottubru 2008, 646/2008 ukoll tal-21 ta’ Ottubru 2008.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------